# LILL-BELT VALLETTA

*Idħlu bla ħoss f'dil-belt fejn l-isbaħ storja*
*Kitbu l-qalbiena b'demmhom fl-akbar glorja,*
*Fejn wera t-Tork, f'Sant Jiermu, qawwet drieghu,*
*Fejn rebaħ Dun Mikiel u sħabu miegħu.*

*Sellmu lil La Valette. Kbir u qalbieni,*
*Ħarrabhom lill-eghdewwa fuq ix-xwieni.*
*U waqqaf din il-Belt biex tkun setghana,*
*B'San Ġwann u l-Bereġ kbar ta' Cassar taghna.*

*Ja Belt muġugħa, qalb dal-kobor tieghek,*
*Titfix il-krib ta' dawk li ssieltu mieghek*
*Fl-ehrex taqbida. Tħalli 'l ħadd itabba'*
*Ġieh dawk li wrew lil Malta l-eghla mħabba.*

*Belt ċkejkna b'isem kbir, int fost il-kbar*
*U tibqa', f'nweġ il-baħar, fuq is-swar!*

DUN FRANS CAMILLERI.